MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2011

Numru. 1120/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**
**KONTRA**

**AMADEO BUSUTTIL**
**OMMISSIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Amadeo Busuttil ta' 27 sena, bin Saviour u Mary nee' Vella, mwieled Pieta' nhar is- 27 ta' Gunju 1984, residenti 2, Salmar, Sqaq l- Isptar, Mqabba, u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 327584M;

U

OMMISSIS

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f’ dawn il- Gzejjer fl- 4 ta’ Lulju 2008 u/ jew fil- granet wara, gewwa l- Skwadra Marittima. Haywharf, Floriana u/jew fil- vicinanzi;

1) halef falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li kellu s- setgha b’ Ligi li jaghti l-gurament;

2) ukoll talli nhar it- 2 ta’ Lulju 2008 u/ jew fil- granet ta’ wara fi proceduri civili jew kriminali, ikkorrompa xhud, periti jew xi interpretu, sabiex jaghti xhieda falza, jew jaghmel perizja falza jew jaghti tifsir falz;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat huwa suldat fil-Forzi Armati ta’ Malta, fil-grad ta’ Second Lieutenant. Fit-2 ta’ Lulju, 2008, l-Armata kienet qed taghmel ezercizzju militari, li jsir darbtejn fis-sena, fl-inhawi ta’ Pembroke, fejn membri mill-Armata mit-taqsima tal-Iskwadra Marittima jisparaw “live ammunition” lejn target fil-bahar ‘il barra mix-xatt. Waqt li jkun qed isir dan l-ezercizzju, dik il-firxa tal-bahar tkun maghluqa ghal kull bastiment u kull opra ohra tal-bahar. Gara, izda, li dakinhar, ghal xi raguni, bastiment thalla jidhol fl-area fejn kien qed isir dan l-ezercizzju, bil-konsegwenza li l-bastiment intlaqat minn balla sparata minn fuq l-art. Dan il-bastiment, bl-isem “Mistress Elusive” u proprjeta’ ta’ Helen Muscat, iddahhal ix-xatt ta’ Ghajn Fekruna, San

Pawl il-Bahar, fejn ghamlu rapport l-istess Muscat u min kien riekeb maghha, certu David Arney. Hemmhekk ukoll kien prezenti l-Kaptan Robert Anthony Bonnici ghan-nom tal-Forzi Armati. Ghalhekk infethet inkjesta mill-magistrat inkwerenti, u saret investigazzjoni biex jigi stabbilit x'wassal ghal dan l-incident li, b'xorti tajba hafna, ma halla ebda vittma.

Fil-kors tal-inkjesta, il-magistrat inkwerenti hatret diversi esperti biex jassistuha fil-gbir u l-preservazzjoni tal-provi. Wiehed minn dawn l-esperti, John Sacco, ha x-xiehda ta' dawk kollha involuti, fosthom tal-imputat u ta' Grazio Sammut, suldat mal-Forzi Armati fil-grad ta' Warrant Officer II. Fir-rapport redatt minnu, Sacco indika li din ix-xiehda kienet qed tittiehed bil-gurament ta' kull xhud. Waqt li kienet qed tingabar din ix-xiehda, l-imputat biddel il-verzjoni tal-fatti li kien ta lil Sacco, u spjega r-raguni ghalfejn fl-istess xiehda tieghu. Minhabba f'hekk, ittiehdu proceduri kriminali kontrih u kontra Sammut skond it-tahrika mahruga mil-Pulizija.

F'dan l-istadju tal-konsiderazzjonijiet taghha, il-Qorti trid taghmilha cara li hi bl-ebda mod m'hi sejra tidhol fil-mertu proprju tal-inkjesta, jigifieri l-incident tal-isparatura fuq bastiment civili, izda sejra tillimita l-kaz ghall-mertu ta' falza testimonjanza taht gurament, kif inhu imharrek l-imputat. Il-mertu tan-nuqqas mill-Forzi Armati li jzommu "lookout" jew ghassa waqt ezercizzju militari huwa biss incidentali ghal dan il-kaz, ghalkemm, fil-verita', seta' wassal ghal konsegwenzi serjissimi, u l-konkluzjonijiet hemm milhuqa mil-magistrat inkwerenti huma cari u univoci, u jelenkaw in-nuqqasijiet li kien hemm fl-ezercizzju militari minn dak l-istakkament ta' suldati, sabiex jittiehdu l-passi necessarji internament fi hdan l-istess Forzi Armati.

Mil-provi prodotti, irrisulta li Sammut kien stazzjonat waqt dan l-ezercizzju militari taht il-kmand dirett ta' Busuttil, li bhala ufficjal kien jigi direttament fuqu. Meta gara dan l-incident fejn intlaqat il-bastiment ta' terzi civili, Sammut inghata direzzjoni minn Busuttil biex, jekk jigi nterrogat jew mistoqsi xi haga, ghandu jwiegeb billi jikkonferma x'kienu

l-ordnijiet originali tieghu waqt dan l-ezercizzju, u ma jikxefx x'kien gara verament. Din id-direzzjoni kienet inghatat minn Busuttil ghax irrisulta li xi hadd mill-ufficjali li ghalihom kien hu responsabbli ma zammewx l-attenzjoni taghhom ghal xi bastimenti li setghu dahlu fit-territorju fejn kien qed jigu sparati l-balal. Dan id-diskors allegatament sar minn Busuttil lil Sammut u lil xi ufficjali ohra li kienu jaqghu taht il-kmand dirett tieghu. Kien ghalhekk li kemm Sammut kif ukoll Busuttil tressqu fuq l-imputazzjonijiet indikati.

Il-Prosekuzzjoni ressqet bhala provi, fost diversi xhieda u dokumenti, lil John Sacco, l-espert tal-magistrat inkwerenti. Hu qal li kien sema' x-xiehda ta' diversi ufficjali, fosthom ta' Sammut u ta' Busuttil, fejn it-tnejn li huma biddlu l-verzjoni originali ta' fatti moghtija minnhom. Minn din ix-xiehda, irrisulta li Sammut kellu jkun "lookout" lejn l-ahhar tal-ezercizzju, izda kien qed jispara, waqt li Busuttil kien fadallu tliet "rounds" x'jispara wara li suppost kien spicca l-ezercizzju, izda bi zvista intlaqat il-bastiment kif inghad. Peress illi t-tnejn biddlu l-verzjoni originali taghhom, u kkoregew ix-xiehda moghtija minnhom aktar qabel fl-inkjesta, dawn gew akkuzati li xehdu l-falz quddiem awtorita' gudizzjarja. Fl-atti tal-inkjesta dan kollu hu kkoroborat u indikat car. Inoltre l-istess rapport redatt minn John Sacco jirreferi ghall-bdil fil-verzjoni moghtija minn Sammut u Busuttil. Irrisulta wkoll, kif gia' inghad, li Busuttil kien ta direzzjoni lil Sammut biex fix-xiehda tieghu ma jikxfux. Ix-xhieda l-ohra prodotti mil-Prosekuzzjoni lkoll jikkorroboraw din il-verzjoni, u dan kollu hu mfisser fil-*proces verbal* formant parti minn dawn l-atti.

In difesa, Sammut ghazel li jixhed, u kkonferma li fil-fatt hu kien biddel il-verzjoni tieghu lil John Sacco. L-imputat f'din il-kawza Amadeo Busuttil ghazel li ma jixhedx.

Issa, ghalhekk, il-kwistjoni kollha li ghandha quddiema l-Qorti hi jekk dawn il-fatti jwasslux ghall-htija taht l-imputazzjonijiet indikati. Id-difiza, sew ghal Sammut kif ukoll ghal Busuttil, issollevat punti ta' dritt ferm interessanti. Huwa fatt mhux kontestat li l-bastiment intlaqat minn membri tal-forzi armati nhar it-2 ta' Lulju,

2008, u huwa fatt inkontestat ukoll li kemm Sammut kif ukoll Busuttil it-tnejn kkoregew ix-xiehda taghhom quddiem l-espert fl-inkjesta, John Sacco. Madankollu, id-difiza argumentat li, skond in-nomina tal-magistrat inkwerenti a fol. 19 tal-proces verbal, John Sacco ma kienx inghata l-fakolta’ li jisma’ x-xhieda bil-gurament. Di fatti, id-digriet tan-nomina jirrispekkja dan il-fatt. Jekk dan sarx bi zvista jew le, il-Qorti ma tafx, izda jidher li d-difiza fuq dan il-punt ghandha ragun. Ix-xhieda li sema’ John Sacco taht gurament jidher li ma kellu ebda fakolta’ biex jaghmel hekk. Il-Qorti tifhem li jista’ jkun li kien inghata n-nomina biex jisma’ x-xhieda u jaghti guramenti, izda peress li dan mhux indikat sew fid-digriet tan-nomina, il-Qorti ma tistax tippresumi d-delega ta’ tali awtorita’. Ghalhekk, il-kaz kollu tal-Prosekuzzjoni jaqa’ minhabba f’dan in-nuqqas. Izda, apparti minn hekk, id-difiza argumentat ukoll li, fl-aghar ipotesi li John Sacco kellu effettivament tali poter, id-duttrina ta’ “retraction” fil-kamp kriminali kien applikabbli ghal dan il-kaz. Jekk jigi ammess li Sammut u Busuttil xehdu bil-gurament taghhom quddiem John Sacco, huma lahqu biddlu l-verzjoni taghhom u allura x-xiehda taghhom, li titqies bhala xiehda wahda – ghalkemm moghtija f’darbtejn jeww fi tlitt darbiet – giet korretta minnhom stess u dak in-nuqqas jigi radrizzat minnhom stess. Dan irrisulta li sar, u allura hawnhekk ukoll l-akkuzi kontra l-imputat jaqghu.

Fl-ahhar lok, u hawnhekk din is-sottomissjoni hi ta’ importanza konsiderevoli ghall-Qorti, minhabba fl-implikazzjonijiet li ggib maghha, gie indikat lill-Qorti minn zewg xhieda li Sacco ma tax il-gurament lix-xiehda li sema’. Dan stqarru kemm Grazio Sammut, meta xehed in difesa fil-kawza tieghu, kif ukoll il-Kurunell Wallace Camilleri. Dan il-fatt nissel dubju mhux ckejken f’mohh il-Qorti, ghax jekk dan hu minnu, u bid-dovut rispett lil kulhadd, il-Qorti temmen lill-Kurunell imsemmi dwar din l-allegazzjoni, allura l-imputati qatt ma halfu l-falz meta ttiehdet ix-xiehda taghhom. Inoltre, jidher mill-istess *proces verbal* li r-rapport ta’ Sacco ma jinkludix dak li solitament ikun fih rapport ta’ min jiehu x-xiehda f’inkjesta, jigifieri kitba bl-idejn tad-deposizzjoni ta’ kull xhud, kontro-firmat mill-istess xhud u mill-espert tal-magistrat

inkwerenti. Dan in-nuqqas ta’ prassi addottata fil-processi verbali kollha redatti mil-magistrat inkwerenti jhalli dubju jekk fil-fatt kienx inghata gurament lil kull xhud li xehed f’dik l-inkjesta. Wiehed jista’ jippresumi li dik ix-xiehda ttiehdet fuq mezz elettroniku bhal “audio tape” jew b’sistema digitali, u allura ma jkun hemm ebda traskrizzjoni ta’ xiehda bl-idejn, izda kollox jigi dattilografat mal-ewwel. Jekk sar hekk, xorta kellu kull xhud tinqralu x-xiehda tieghu u jintalab jiffirmaha, haga li ma saretx. Il-Qorti bl-ebda mod ma hi qed tikkundanna l-agir ta’ xi hadd hawnhekk, izda qeghdha biss tindika x’inhuma r-ragunijiet ghalfejn qed taghti l-beneficcju tad-dubju lid-difiza f’dan il-kaz.

Ghalhekk, anke fil-kaz kontra Amadeo Busuttil, it-tieni imputazzjoni ma tirrisultax, peress illi sew jekk ma nghatax il-gurament minn John Sacco, sew jekk Sacco ma kellux il-poter jaghti guramenti u jisma’ x-xhieda, dan in-nuqqas bil-fors jissarraf fil-liberazzjoni tal-imputat.

Tenut kont, ghalhekk, ta’ dawn is-sottomissjonijiet hekk maghmula, ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, u ta’ dawn in-nuqqasijiet indikati mid-difiza, il-Qorti qed tara li jista’ jkun li l-imputat ta x-xiehda tieghu quddiem John Sacco minghajr ma nghata l-gurament, u allura anke jekk qal affarjiet li ma kienux minnhom, dak mhux reat kriminali. Il-Qorti qed tara ukoll li l-imputat kien lahaq biddel il-verzjoni ta’ fatti li kien qal lil Sacco billi rega’ qal lill-espert fl-inkjesta il-fatti proprja u korretti minnu stess. Inoltre, u forsi l-aktar importanti, l-espert Sacco qatt ma kien nominat biex jisma’ x-xhieda bil-gurament, anke jekk jista’ jkun li dik kienet l-intenzjoni tal-magistrat inkwerenti, izda d-digriet tan-nomina huwa karenti f’dan is-sens. Ghalhekk il-Qorti m’hi qed tara l-ebda triq hlief li tillibera lill-imputat minn kull htija w piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 102 u 108(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------